minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com



■ **Alexia.** F'lejlet il-festa nazzjonali tas-Sette Giugno, Xtreme Promotions ippreżentaw f'Malta l-kantanta Taljana Alexia fl-Aria Club, fil-limiti ta' San Ġwann. Fid-disgħinijiet kienet magħrufa għal bosta diski li ħarġet bl-Ingliż, inkluż meta hi kienet ma' Ice Mc. Alexia kantat disa' darbiet fil-Festivalbar u ħadet sehem erba' darbiet fil-festival ta' Sanremo fejn rebħet l-edizzjoni tal-2003. Fuq l-istage, Alexia damet ftit aktar minn nofs siegħa fejn wasslet il-hits il-kbar tagħha, fosthom *Me and You*, *Summer is Crazy*, *Uh La La La*, *It's a rainy day* u *Goodbye* kif ukoll il-cover *Sweet Dreams*.

## Opportunità lil Sophie f'Londra



Nhar il-Ġimgħa li għadda, Sophie DeBattista fetħet il-kunċert li tat Ciara, il-kantanta RnB Amerikana, li sar f'O2 Arena f'Londra.

Din l-opportunità waslet wara l-popolarità miksuba minn Sophie fis-*song* oriġinali akustika miktuba minn Sophie u Elton Zarb *Independent Miss* li rebħet lit-tnax l-artist ieħor mir-Renju Unit grazzi għall-vot tal-pubbliku f'kompetizzjoni mnedija fuq Facebook.

Skont l-istqarrija maħruġa mill-*management* tal-kantanta, ingħad li Sophie kisbet 50 fil-mija tal-voti mibgħuta fil-final ta' *The Musicalize UK Unsigned Competition*.

# L-ewwel edizzjoni ta' Woodrock fil-Buskett

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju f'Shoosh fil-Buskett Roadhouse se. tittella' l-ewwel edizzjoni tal-Woodrock, lejla ta' mużika mmirata lejn il-bosta spektri li toffri l-mużika *rock* immirata l-aktar lejn ix-xena lokali. Woodrock mistenni jibda jsir kull xahar.

Fl-ewwel lejla se jkun hemm erba' *bands*. Ben Purplle & JeJe se jifthu b'sett ta' numri akustiċi magħrufa. Dawn se jkunu segwiti mill-ħoss aktar bi grinta mill-bands Fuse Box, For Strings Inn u 50 Shades of Green.

Fuse Box hu relattivament ġdid li mistenni joħroġ dalwaqt is-*single* debuttanti *Shallow Waters*.

For Strings Inn diġà hu magħruf sew f'dawn l-aħħar snin f'dak li joffru fil-mużika *grunge-infused alternative rock*. Fil-mument qiegħed jaħdem fuq l-album debuttanti.

50 Shades of Green se joffru sett popolari ta' Green Day.

Il-bibien se jiftħu fit-8.30 p.m. u d-dħul hu ta' €5.

Għal aktar tagħrif wieħed jista' jċempel 99421890 jew jara 'Woodrock Malta' fuq *Facebook*.




*Il-poeżiji ta' Rużar Briffa mmużikati mill-kompożitur Dominic Galea issa f'diska kompatta bl-isem 'Karba'*

# Mużikati l-poeżiji qalb tal-qalb ta' Rużar Briffa

Wara li kkompona l-mużika għall-poeżiji tal-poeta nazzjonali ta' Malta Dun Karm Psaila u Karmenu Vassallo, il-Poeta tan-Nirien, il-kompożitur Dominic Galea għadu kemm nieda t-tielet album tiegħu f'din is-serje. Imsemmi 'Karba' u jinkludi 12-il kanzunetta mużikati fuq il-poeżija tad-dermatoloġista u poeta kbir Rużar Briffa (1906-1963).

Magħruf bħala l-poeta 'taċ-ċokon u tas-sempliċità', Briffa darba qal li "l-poeżija m'għandhiex tfittex ħlief li tilħaq il-qalb tal-qalb tal-bniedem, u jekk anki jirnexxilha tagħmel dan darba biss, allura l-poeżija tkun laħqet l-aqwa tagħha".

Dott. Briffa lesta l-istudji tiegħu fil-venereoloġija u d-dermatoloġija f'Londra u fl-1932 laħaq speċjalista fil-mard tal-ġilda. Kien magħruf għall-umiltà u l-approċċ uman u li jmiss il-qalb fit-trattament tal-pazjenti tiegħu, speċjalment dawk li kienu qed isofru mil-lebbra. Skont il-maratu Louisette, hu kien joħlom li jsebbaħ dawk il-pazjenti li kienu sfigurati u sofferenti permezz tax-xogħol mediku tiegħu.

F'Mejju 1998, is-sinjura Briffa ġentilment tat il-manuskritti oriġinali tal-biċċa l-kbira tal-kompożizzjonijiet tal-versi tiegħu lill-Università ta' Malta. Il-kollezzjoni ta' poeżiji ta' Ruzar Briffa issa tifforma parti mill-ġabra tal-librerija. F'2009, l-Università nediet CD b' verżjoni diġitali tal-kitbiet poetiċi ta' Rużar Briffa.

Dawn jikkonsistu fi 'l fuq minn 240 ispirazzjonijiet oriġinali tal-poeta u l-irfinar sussegwenti tagħhom, miktuba fuq kwalunkwe karta li kellu fil-viċin tiegħu dak il-ħin stess.

It-tnedija ta' 'Karba' qed tikkonċidi mal-50 anniversarju tal-mewt ta' Rużar Briffa li ġrat fit-22 ta' Frar 1963. It-tnedija tikkonċidi wkoll mal-10 anniversarju tat—tikketta 'Heritage Records' imwaqqfa mill-familja ta' mużiċisti Galea. L-album jinkludi ktejjeb ta' 16-il paġna b'daħla mill-Professur Oliver Friggieri, li fl-1984 nieda l-bijografija ta' Rużar Briffa.

'Karba' kienet irrekordjata 'live' f'Lito's Place ta' Manolito Galea fil-Furjana bis-sehem ta' għadd ta' mużiċisti li jinkludu kwartett immexxi minn Tatjana Chircop. L-album kien prodott minn Dominic u Manolito Galea flimkien mar-riċerkatur Steve Borg.

Appoġġjat mill-Malta Arts Fund, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Akkademja tal-Malti, l-album jinkludi 12-il kanżunetta interpretati minn Paul Giordimaina, Dorothy Bezzina, Ludwig Galea, Doreen Galea u t-tenur Joseph Aquilina.

It-tlett albums 'Għanja', 'Nirien' u 'Karba' jinkisbu mill-ħwienet ewlenin tal-mużika.Il-lista komprensiva ta' 'Heritage Records' tinkludi wkoll l-album 'Ommi' maħruġ fl-2009. Dan jinkludi lirika minn għadd ta' poeti li huma kantati minn Doreen Galea.